II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Frar 2007

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tat-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea

(2007/376/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 57(2), 71, 80(2), 133(1), 133(5) u 181, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005 [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Ottubru 2006, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha sabiex jinnegozja mal-Messiku t-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra [2], sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

(2) Dawn n-negozjati ġew konklużi sodisfaċentement.

(3) It-test tat-Tieni Protokoll Addizzjonali jipprevedi l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll qabel id-dħul tiegħu fis-seħħ.

(4) Suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, it-Tieni Protokoll Addizzjonali għandu jiġi iffirmat f'isem il-Komunità u f'isem l-Istati Membri,

IDDEĊIEDA KIF GEJ:

Artikolu 1

Il-President tal-Kunsill qed jingħata l-awtorità li jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

It-test tat-Tieni Protokoll Addizzjonali huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 157, 21.6.2005, p. 203.
[2] ĠU L 276, 28.10.2000, p. 45.

Artikolu 2

Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandhom japplikaw b'mod provviżorju t-termini tat-Tieni Protokoll Addizzjonali mid-data ta' l-iffirmar tiegħu, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

Magħmul fi Brussel, 15 ta' Frar 2007.

Għall-Kunsill
Il-President
W. SCHÄUBLE